**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-Ġimgħa 13 ta' Ottubru 2017**

**Appell Nru: 61/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone )**

**vs**

**Mary Rose Vella**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti Mary Rose Vella, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 12348Gimputataquddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> Fil-kwalità tagħha ta' direttur u/jew segretarja ta' kumpanija u/jew rappreżentanta ġuridika tas-soċjetà kummerċjali 'All Seasons Holdiays Limited' (C-37825) b'indirizz reġistrat Hotel Xlendi Resort & Spa, St. Simon Street, Xlendi Bay, Munxar (Gozo) Malta u/jew bħala persuna li kienet inkarigata mill-istess soċjeta' kummerċjali sabiex tħallas il-pagi dovuti, naqset li

tħallas il-pagi dovuti, naqset li tħallas overtime ammontanti għal €4623.75, naqset li tħallas il-Festi Pubbliċi ammontanti għall-€300, naqset li tħallas il-bonus ammontanti għal €79.22, u naqset li tħallas l-Vacation Leave ammontanti għal €471 li b'kollox jammonta għal ħamest elef, ħames mija u tnejn u sittin euro u tletin ċenteżmu (€5562.30) li kienu dovuti lill-ex-impjegati tagħhom, u ċioe' lil Salvatore Buoncoure fl-4 ta' Marzu, 2012;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tordna lill-imputata ai termini tal-artikolu 45(1) tal-Kapitolu 452, u tar-regolament 22 tal-Avviż Legali 247 tal-2003, kif emendat bl-Avviż Legali 427 tal-2007 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tħallas il-penali skond il-liġi, kif ukoll tordna lill-imputata ai termini tal-artikolu 45(2) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex tħallas lil Salvatore Buoncoure l-ammont ta' ħamest elef, ħames mija u tnejn u sittin euro u tletin ċenteżmu (€5562.30) għar-raġunijiet hawn fuq speċifikati.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-27 ta' Jannar, 2015, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Liġi u ċioe' l-Artikoli 5, 15 u 45 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata Mary Rose Vella ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta illiberatha bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena u orndat li sa żmien xahar l-imputata Mary Rose Vella, tħallas lil Salvatore Buoncuore is-somma ta' erbat elef, sitt mija u tlieta u għoxrin ewro u ħamsa u sebgħin ċentezmu (€4623.75).

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Mary Rose Vellappreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-12ta' Frar, 2016, fejn talbet lil din il-Qortitvarja s-sentenza appellata, billi tikkonfermha fejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta illiberatha bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena m'illum, iżda tvarjha fejn ordnat lill-appellanti tħallas lil Salvatore Buoncuore is-somma ta' erbat elef, sitt mija u tlieta u għoxrin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4623.75) u dana billi tiddikjara li ma hemm ebda ammont dovut li għandu jitħallas mill-appellanti lil Salvatore Buoncuore.

4. Rat l-atti u d-dokumenti kollha, semgħet lis-xhieda li ġew prodotti quddiemha, semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

5. Il-fatti allegati jistgħu jiġu riassuti kif ġej:

L-imputata kellha impjegat mas-soċjeta' "All Seasons Holidays Limitedlil Salvatore Buoncuore bħala kok fil-Hotel Xlendi u dan minn Ottubru 2011 sa l-aħħar ta' Frar 2012. Matul l-impieg tiegħu l-imputat ma tħallasx l-ammont ta' €4623.75 għal *overtime*, €471 għal *vacation leave*, €79.22 *weekly allowance*, €88.33 bonus u €300 bħala ħlas ta' festi pubbliċi . Dawn l-ammonti, ħlief għas-somma allegatament dovuta għal *overtime*, tħallsu fil-mori tal-proċeduri.

6. L-aggravji tal-appellanti jikkonsistu sostanzjalment filli ssostni li s-salarju ta' Buoncuore kien tali li jikkumpensa għall-*overtime* u li l-pretensjoni tiegħu għall-perjodu in kwistjoni huwa fittizju għaliex dak iż-żmien in-nies fil-hotel kienu ftit u għalhekk ma kien hemm ebda ħtieġa ta' *overtime*.

**Ikkunsidrat:**

7. L-aggravji tal-appellant jikkonċernaw esklużivament l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti u dwar din ix-xorta ta' aggravju l-ġurisprudenza ta' din il-Qorti hija ben stabbilita fis-sens din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi dak l-apprezzament fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**8.** Jirriżulta li l-uniku ammont minn dawk imsemmija fiċ-ċitazzjoni li huwa kontestat mill-imputata appellanti huwa dak tal-*overtime*. Dwar dan ġie esibit prospett dettaljat Dok. AZ4 b'rendikont ġurnata b'ġurnata tas-siegħat *overtime* li ħadem Buoncuore matul l-impieg tiegħu u li ġie konfermat bil-ġurament minn Buoncuore nnifsu li spjega li d-dokument għamlu hu u fuqu kiteb il-ħinijiet eżatt ta' x'ħin kien jibda u jispiċċa u n-numru ta' siegħat ta' kull ġurnata partikolari u qal li d-dokument kien anki għaddieħ lil Anton Zammit, mid-Dipartiment tal-Industrial and Employment Relations.

**9.** Dottor Renzo Pace Axiaq, wieħed mid-diretturi tal-kumpanija li tmexxi l-hotel, esibixxa prospett li juri numru ta' siegħat sostanzjalment inqas minn dawk pretiżi minn Buoncuore. L-prospett preżentat minnu inħadem "bil-*punch clock timing*" minn ċertu Christian Saliba li kien *accounts clerk*. Meta xehed dan, iżda, spjega li l-*pay slip* u it-*time sheet*, fuq struzzjonijiet ta' waħda mid-diretturi, ma kienux jingħataw lill-impjegati li għalhekk kien ikollhom iżommu r-*records* huma stess. Dan ikkonfermatu wkoll ix-xhud Catherine Cauchi. Saliba kompla jixhed li l-paga ma kienetx tinbidel anki jekk jinħadmu numru ta' siegħat żejda f'overtime.

**10.** Barra minn hekk Marie Josette Mercieca, li wkoll kienet impjegata fil-lukanda fi żmien Buoncuore, bdiet bħala terapista u spiċċat *operations manager*, xehedet li Buoncuore kien l-uniku kok fil-lukanda u ma kellu lil ħadd jassistih. Hija kienet tipprepara r-*rosters* u xehedet li Buoncuore diffiċli li kien ikollu ġurnata *off* u dejjem kien xogħol u anki ġieli kienu jċemplulu u jidħol lura x-xogħol anki meta suppost kien bil-*break* għaliex kien dejjem *on call* u kien anki jidħol mingħajr ma jippanċja. Ikkonfermat hi wkoll li *payslips* ma kienux jingħataw lill-impjegati.

**11.** Tenut kont ta' dan l-istat tal-provi din il-Qorti ma ssibx raġunijiet biżżejjed sabiex tiddisturba l-apprezzament u l-konklużjonijiet tal-ewwel Qorti.

Għall-motivi premessi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li t-terminu ta' xahar prefiss mill-ewwel Qorti għandu jibda jiddekorri mil-llum, u b' dan ukoll li l-imputata appellanti ghandha fl-istess perijodu ta' xahar thallas lil Salvatore Buoncuore l-ammont ulterjuri ta' erba` mija u tmienja u tletin euro u hamsa u hamsin centezmu (€ 438.55) li jirrizulta ghadu dovut mill-ammont mhux kontestat mill-appellanti.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur